# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 25**

**Avviz. numru 1360/00mm**

**Rita Vella**

**vs**

**Mario u Stephanie konjugi Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attrici fis-27 ta' Settembru 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' erba mitt lira Maltin (Lm400) rapprezentanti self brevi man u lilhom maghmul minnha.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma ppresentawx l-eccezzjonijiet taghhom nonostante l-verbal tal-11 ta' Jannar 2001.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attrici.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-verbal fuq imsemmi l-konvenuti la ppresentaw eccezzjonijiet u lanqas ma dehru dakinhar tas-smiegh tal-kawza biex jaghtu x-xhieda taghhom. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq dak illi gie prodott mill-attrici.

Xehdet f'din il-kawza bint l-attrici li kienet strumentali illi l-flus ighaddu minghand ommha ghal ghand Stephanie Grech li kienet in-neputija ta' bint l-attrici. Dina ta' l-ahhar xehdet kif Stephanie Grech kienet talbitha pjacir sabiex isellifha dawn il-flus halli jhallsu l-boll fuq kuntratt fejn akkwistaw xi proprjeta'.

Stephanie Grech bdiet tilluzinga lil bint l-attrici b'tali mod illi fl-ahhar bint l-attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tippressaha ghal hlas. Dina minn nahha taghha giet infaccata b'mod goff u bi kliem hazin b'tali mod li kellha tirrikorri ghall-Qorti biex tiehu dak illi kien dovut lill ommha.

Rita Vella hija mara anzjana u ma kienetx fi stat li tigi l-Qorti, pero' jidhrilha li gabet provi bizzejjed biex tissustanza l-kaz taghha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex temmen lil bint l-attrici meta dina tixhed bil-mod car u grafiku ta' kif hi personalment ghaddiet dawn il-flus lil Stephanie Grech, li fi zmien li rceviet dawn il-flus kienet mizzewga lill-konvenut l-iehor

Mario Grech. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-attrici ghandha ragun fit-talba taghha li timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' erba mitt lira (Lm400) rappresentanti self brevi manu lilhom maghmul mill-istess attrici. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta'dan l-avviz.